**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Ottubru 2020.**

**Rikors guramentat numru : 126/2015 AGV**

**ABCD**
**Vs**
**EFG**

**Il-Qorti**

Rat r-rikors tal-attrici, datat 4 ta' Gunju 2015, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat :-

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-10 ta' Frar 2013 gol-Egittu ( Dok A u Dok B) u minn din ir-relazzjoni u sussegwenti twieldu tlett itfal minuri HG, li twieled fl- 11 ta' Novembru 2004, IG, li twieled nhar l- 1 ta' Lulju 2007 u JG li twieled nhar is- 27 ta' Jannar 2015;

2. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma baqghetx iktar possibbli minhabba vjolenza, swat, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohrajn, validi fil-Ligi, li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghal separazzjoni personali skond il-ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut.

3. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m’ ghadix aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet inmputabbli unikament lill-konvenut.

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu f’din l-istanza permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti, datat 12 ta’ Mejju 2015( Dok. C).

5. Il-fatti hawn dikjarati tafhom l-esponenti personalment.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti ghal ragunijiet premessi;

1. Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet odjerni ghal ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lil-konvenut, fosthom vjolenza, swat, theddid, ingurji u minacci li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli, tant li l-esponenti u t-tlett itfal minuri kellhom jitilqu mid-dar matrimonajli, u jfittxu kenn go xelter ghas-sigurta’ taghha u tal-imsemmija minuri, u di fatti il-lum il-gurnata huma ghadhom joqoghdu go xelter.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri H, I u JG f’ idejn l-esponenti u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

**3.** Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mil-konvenut ghall-attrici ghal istess tfal u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qliegh, jew sa l-eta ta' 23 sena, jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaw full-time. Tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew mill-qligh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu depozitati f' kont bankarju indikat mill-esponenti. Tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja, fil-waqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti.

**4.** Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez relatati kollha mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.

**5.** Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, liema porzijonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lil-konvenut, u dan okkorendo b' opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

**6.** Tordna id-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikolu 48 et seq tal- kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tapplika kontrih interament jew in parte, id-disposizzjonjiet tal-artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. **7.** Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u / jew parafernali tal-attrici hekk  kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni dotali u / jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti.

**8.** Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f' jum, hin, u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

**9.** Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti.

**10.** Tawrotrizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta, l-eventwali  sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha inkluz dawk tal-ittra ta' medjazzjoni numru 1818/2014 BOB  u tal-mandat ta' Inibizzjoni numru  314/2014 RGM, kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' EFG datata 22 ta' Dicembru  2015, fejn espona bir-rispett u kkonferma li :-

1. Li dan iz-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, l-intimat ma kienx hati ghat-tkissir taz-zwieg

2. Illi  l-intimat ma kkometta ebda att ta' vjolenza, swat, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid jew offizi ohrajn fil-konfront tar-rikorrenti.

3. Illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandix tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn r-rikorrenti u l-mara tieghu ABCD, ghal ragunijiet imputabbli lill-esponenti.

4. Illi din l-Onorabbli Qorti, ghandha tafda l-kura u kustodja tal-minuri, HG, IG u JG konguntivament f'idejn il-partijiet.

5. Illi ma hemmx oggezzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet jigu xolti u likwidati fi kwoti indaqs bejniethom.

6. Illi l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 58 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti.

7. Illi l-intimat ma ghandux ihallas manteniment lil martu peress li hija tista' tahdem u ghalhekk tista' tmanti lilha nnifisha.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici tghid li kienet iltaqghet mal-konvenut l-Egittu ghall-habta tas-sena 2002/2003. Tispjega li kien jigi Malta ta' spiss peress li kien jahdem ma' taz-zebgha. Madwar wara sena u nofs johorgu flimkien kienu

ddecidew li jmorru jghixu flimkien u kienu kuntenti. Ftit wara kienet inqabdet tqila bit-tifel H.

Il-konvenut kellu jigi Malta waqt it-tqala u l-ftehim kien li wara li twelled it-tifel jigu lura jghixu Malta. Peress li kienu joqoghodu fil-hames sular, it-tabib kien issuggerilha li jmorru jghixu go appartament ground level, izda l-konvenut m'accettax u lanqas riedha tmur tghix ghand il-genituri taghha. Bghatha tghix ghand ohtu u kellha xi tghid maghhom u kienet kecceitha barra mid-dar u lanqas ma kellha cwievet tal-post taghhom ghax il-konvenut kien taha lil ohtu. Ghalhekk marret tghix mal-familja taghha gewwa Alexandria u kienet deciza li ma tirrangax mieghu, izda l-kultura taghha ma kinitx tippermettilha li tohrog tqila minn ragel iehor u peress li kienet wieghdha li kien ser joqoghdu wahedhom, marret lura mieghu. Izda gara li ftit wara kien rega' gie lejn Malta u halliha wahedha, minkejja li kien hemm wahda minn hutu li kienet tmur tajjeb maghha u kienet tibghatilha lil bintha KL biex tghinha.

Meta t-tifel H kellu xi seba' xhur kien gie lura minn Malta u kien f'dan iz-zmien li kellha argument mal-konvenut minhabba xi dizgwid ma' ohti M u kien refa' idejh fuqha. Tispjega li dan l-incident kien wassalha biex tibla' l-pilloli bid-dwejjaq li kkagunalha, izda kienet baqghet hajja.

Il-konvenut kien talabha mahfra ghax kien ser jerga' jmur lura Malta u kien ghal darb'ohra halliha wahedha, tant li n-neputija KL u missierha kienu marru joqoghdu maghha. L-attrici kienet baqghet titlob lill-konvenut biex tigi Malta, izda dejjem kien jevita din id-domanda.

Kien hemm perjodu meta l-konvenut kien iddecieda li kien ser jibqa' l-Egittu u kien nizel Malta biex ibiegh il-makkinarju. It-tifel ta' ohtu N, li

jismu O kien hajjru sabiex jidhlu flimkien f'negozju, izda kien approfitta ruhu mill-konvenut u kien lanqas hallas sehemhu.

Imbaghad kien iddecieda li ser jahdem bit-taxi u minflok xtara karozza tal-linja li tatu hafna problemi u sabiex ihallasha spicca li kellhom ibieghu l-flat u d-deheb taghha. Sadanittant kellhom it-tieni tarbija u spiccaw b'xejn u kellhom imorru lura lejn il-Kajr u jikru post. Ma kienx ikollhom flus biex ihallsu din il-kera u l-konvenut kien jissellef il-flus biex ighixu. F'dan iz-zmien hazin kien iwahhal fl-attrici li gralhom hekk peress li kienet insistiet mieghu li jibqghu jghixu l-Egittu.

Fl-1 ta' Lulju, 2007 welldet it- tarbija I u kienet tiehu hsiebhom wahedha. Kellhom problemi bid-djun u l-kera u kellha hafna dwejjaq. Kien ikollha tissellef il-flus biex titma' lil uliedha peress li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus. Meta oht il-konvenut P regghet bdiet tindahal minhabba d-dejn li kien hemm fuq il-karozza tal-linja u l-attrici kienet irrispondietha, spiccaw li hi u l-konvenut kellhom xi jghidu u kien rega' sawwatha u ghal darb' ohra kien talabha li tafhirlu, u hekk ghamlet biex izomm il-familja maghquda.

Il-konvenut kien iddecieda li jigi lura jahdem Malta u kien irranga l-karozza tal-linja billi ssellef xi flus minghand huha u ma riedx itihomlu lura. Meta insistiet mieghu kien rega' refa' idejh fuqha u kienet marret tghix bil-mohbi ghand zijitha, bla flus u b'zewgt itfal.

Minhabba dina s-sitwazzjoni, missierha kien mar ikellem lill-konvenut u meta marret lura d-dar ma riedx jifthilha u mbaghad beda jsawwatha. Tghid li t-tort kien tal-familja taghha peress li kienu jsakkaruha u jghajjruha meta kellha grazzja ma' xi hadd u bilfors rieduha tirranga mal-konvenut.

Meta spiccaw b'tlett itfal, xorta baqa' jahdem Malta u kien imur lura l-Egittu darba fis-sena. Kien jibghat bejn €100 u €150 fix-xahar u biex tkampa kienet tissellef minghand il-familjari taghha. Kellha biss biss kera ta' €500.

Wara li kienet qamet rewwixta l-Egittu, fl-2012, fl-10 ta' Frar, 2013 kienu zzewwgu l-Egittu u rregistraw iz-zwieg hawn Malta u ghall-habta ta' Ottubru, 2013 kienu gew flimkien Malta. Mill-ewwel bdew il-problemi. Dak iz-zmien, il-konvenut kien qed jahdem bhala xufier mal-Arriva u meta kienu d-dar kienet tigi mara QR li kienet tqatta' gurnata d-dar taghhom, issajjar daqs li kieku d-dar kienet taghhom. Intebhet li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni ma' dina l-mara u kienet talbitu biex ma tidholx go darhom u jekk ried seta' jiltaqa' barra maghha. Minn hawn il-problemi zdiedu ghaliex kien beda jsawwatha hafna iktar ta' spiss, sakemm fis-27 ta' Novembru, 2014 kien ipprova jhebb ghaliha bis-sikkina u kien f'dak il-mument li kienet cemplet il-pulizija u ddecidiet li titlaq. Il-pulizija kienu hadu passi kontra l-konvenut u kienet inharget ordni ta' protezzjoni favur taghha u  l-konvenut kellu jibda programm mal-Men's Services, pero' tghid li ma tafx jekk kienx attenda.

Kienet tkellmet ma' tal-Appogg ma' certu Collette mid-Domestic Violence Unit u kienu baghtuha gewwa xelter u kienet baqqghet hemm minn Novembru, 2014 sa Lulju, 2016. Hawn kienet welldet it-tielet tarbija. Ghall-bidu, il-konvenut kien beda jmur ix-xelter biex jikkonvinciha ha jergghu jirrikonciljaw, izda riedet biss bil-kundizzjoni li tibqa' tghix gewwa x-xelter. Kien anke jippersegwitaha l-iskola sabiex jikkonvinciha tirranga u kien hemm incident fejn kien ghamel xenata quddiem il-genituri u l-istudenti.

Sadanittant tghid li kienet harget ordni mill-Qorti li l-konvenut kellu jara lill-minuri taht supervizjoni, izda l-konvenut kien waqaf imur u l-Qorti waqqfitlu l-access. Gie ordnat ukoll li jghaddi s-somma ta' €450 fix-xahar ghat-tfal u f'dak iz-zmien saret taf li kien jinstab rikoverat fl-Isptar Monte Karmeli. Fid-9 ta' Mejju, 2016 kellu incident fejn ittajjar minn karozza u effettwatlu l-vizta. Spicca Monte Karmeli biex jiskonta xahrejn habs. Minhabba l-problemi ta' ghajnejh tnehhitlu l-ordni tal-manteniment u lanqas biss ighaddi flus ghat-tfal u lanqas biss isaqsi ghalihom.

Tghid li illum ighix mal-partner tieghu QR.

2. Skond il-konvenut il-partijiet kienu zzewwgu l-Egittu fl-10 ta' Frar, 2013. Kellhom zewgt itfal qabel iz-zwieg u dawn huma H u I, u J twieled fiz-zwieg.

Ighid li kien gie Malta wahdu fis-sena 1995 u kien joqghod fir-residenza 834, Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun u qed ihallas loan fuqha lil Bank of Valletta plc[1]. u l-pagamenti ghandhom jispiccaw meta jkollu 62 sena. Illum ighid li ghandu 47 sena u jghid li kien qed jaghmel il-pagamenti regolarment. F' Ottubru, 2013 kien gab il-familja tieghu hawn Malta u gew joqoghodu mieghu l-Hamrun, izda jichad li kienu jghixu maghhom nies ohra.

Illum ighid li ma jahdimx, wara li kellu incident u jircievi pensjoni mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' €420.[2]

[1] Ara Dok. MN 2
[2] Ara Dok. MN 3

Jinsisti li l-attrici zzewwgitu minhabba li kellu l-business u jichad li kien isawwatha u jekk kien instab hati kien minhabba li ma kellux avukat tajjeb biex jiddefendih.

Jichad li llum jinstab f'relazzjoni ma' mara ohra. Ighix wahdu d-dar u jigu jghinuh xi hbieb peress li minhabba l-incident jara cpar u jkollu bzonn l-ghajnuna.

3. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem l-attrici kien hemm kont wiehed savings.[3]

   F'isem il-konvenut irrizultawlha tlett kontijiet, zewg savings accounts, kif ukoll house loan.[4] Tghid li l-loan ghadu qed jithallas u l-bilanc dovut huwa ta' €49, 222.13.

4. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li rrizultalhom kontijiet biss f'isem il-konvenut.

   i) Kien hemm savings account 085136042051 li llum jinsab maghluq;[5]
   ii) Savings account 085136042050 li huwa maghluq ukoll;[6]
   iii) Advanced visa card account 4035710035890685 li huwa maghluq ukoll;[7]

5. Maria Ruth Ciantar, in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qrati u Tribunal Kriminali kkonfermat li kien hemm hames kawzi kriminali f'isem il-

[3] Ara Dok. JB 1
[4] Ara doks. JB 2 – JB 4
[5] Ara Dok. AG 1
[6] Ara Dok. AG 2
[7] Ara Dok. AG 3

konvenut[8], kif ukoll sentenza deciza fil-25 ta' Jannar, 2016 fejn ghad hemm appell pendenti.[9]

6. Colette Masijevic, senior social worker fid-Domestic Unit fl-Agenzija Appogg tghid li kienet isegwi lill-attrici mit-12 ta' Novembru, 2014 sat-2 ta' Settembru, 2016 u kienet izomm notamenti ghall-incident tal-allegat abbuz.[10]

7. Lauren Agius, social worker u Coordinator ma' Managing Abusive Behaviour fl-Agenzija Appogg tispjega li dak iz-zmien il-Magistrat Anthony Vella f'Mejju, 2015 kien hareg treatment order ghall-konvenut u kienet il-persuna nkarigata minn dan. L-ordni kienet inharget ghal tlett snin. Kienet bdiet isegwih mill-15 ta' Mejju, 2015 u damet sat-3 ta' Lulju, 2015.[11]

   Peress li l-konvenut baqa' jinnega li kien abbuziv, ma setax jinghata servizz, anzi tghid li pprezenta ruhu ta' vittma u ma ssegwehx izjed.

**<u>KURA U KUSTODJA/ACCESS</u>**

L-attrici tispjega li fit-3 ta' Lulju, 2015, il-Qorti kienet fdatilha l-kura u kustodja eskluzziva tat-tfal u ssospendiet l-access peress li l-konvenut qatt ,m'ghamel kuntatt mal-Appogg.

Il-konvenut kien sussegwentement ghamel talba sabiex jara lit-tfal minuri taht supervizjoni, izda minhabba l-incident li sehh f'Mejju, 2016 qatt ma

[8] Ara Doks. MRC 3-7
[9] Ara Dok. MRC 1
[10] Ara Dok. CM 1
[11] Ara DOK. LA

kien rahom. L-attrici tghid li kienet hadithomlu l-isptar, izda ma riedx jarahom iktar u ghalhekk minn Gunju, 2016 ilu ma jara lil uliedu.

**MANTENIMENT**

F' Mejju, 2015, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment ghall-uliedu fis-somma ta' €450 kull erba' gimghat, izda qatt ma hallas, tant li l-attrici kellha taghmillu diversi rapporti l-ghassa. Illum, b'hekk kellha tohrog tahdem sabiex tmantni lil uliedha.

Madanakollu, l-attrici zzid tghid li anke bil-paga taghha ma setghetx tlahhaq bl-ispejjes u l-bzonnijiet tat-tfal u kien ghalhekk li kienet waqqfet mix-xoghol u llum tghix mill-beneficcji socjali fl-ammont ta' €528 fix-xahar, inkluz ic-childrens allowance fl-ammont ta' cirka €800, li minnhom thallas €550 kera. Ighinuha l-genituri taghha biex tkampa.

**Dar Matrimonjali**

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien xtara dar hawn Malta, precisament 834, Flat 4, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun fejn ighix mal-partner tieghu. Tghid ukoll li kienet taf li kellu loan fuqu, pero' ma kinitx taf jekk kienx xtrah qabel ma zzewwgu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-partijiet izzewwgu l-Egittu u mill-bidunett, il-konvenut ma refax ir-responsabbiltajiet tieghu ta' missier. Kien ighaddi hafna hin Malta minhabba xogholu u kien dominanti, tant li kien jippretendi li l-attrici ghandha taghmel dak kollu li jghid hu. Tant hu hekk, li jekk kienet

tirrifjuta jew tisfidah kien jerfa' idejh fuqha. Kien ihalliha nieqsa mill-flus, li spiccat biex tmantni lit-tlett uliedha kellha tissellef flus minghand il-familjari taghha. Kienet anke ppruvat tahdem kemm l-Egittu u anke Malta.

Meta gew ighixu Malta indunat li kellu relazzjoni ma' certu QR , li prattikament kienet tghix maghhom. Kien sar iktar aggressiv maghha u peress li kien rega' hebb ghaliha u din id-darba kien heddidha b'sikkina, kienet irrappurtatu lill-pulizija u l-attrici gabet provi fejn irrizulta li nhareg Ordni ta' Protezzjoni favuriha u minkejja li l-konvenut intbaghat ghall-terapija, ma kienitx taf jekk kienx segwa dan il-programm jew le. Lauren Agius mill-Agenzija Appogg ikkonfermat li l-konvenut ma kienx jammetti li kien abbuziv u ghalhekk ma setax jinzamm il-programm.

L-attrici spiccat ghamlet prattikament sentejn tghix gewwa xelter ma' uliedha u anke hemm kien baqa' jippersegwitaha.

Il-gurisprudenza nostrana titkellem dwar id-diversi estremi li tirrikjedi l-ligi sabiex tigi ddeterminata r-responsabbilta' fis-separazzjoni.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence**

**Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[12]

Fid-dawl tar-rizultanzi procedurali, hemm bizzejjed provi li jaghti t-tort lill-konvenut ghas-separazzjoni minhabba sevizzi, eccessi, minacci u anke vjolenza.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

[12] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003

Il-konvenut ma kienx qed isegwi l-access li gie ordnatlu mill-Qorti u sussegwentement, wara li kellu l-incident u kellu problemi bil-vizta ma riedx jara lil uliedu izjed. Lanqas anzi ma kien irid jaf bihom, anke jekk ftit qabel kien ghamel talba biex jarahom taht supervizjoni.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ilu ma jara lil uliedu mis-sena 2016 u ma jidhirx li ghandu ebda interess, ghaliex kieku kien ikompli jinsisti b'diversi rikorsi jew kwalsiasi proceduri li ghandu dritt ghalihom.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li kieku kellha l-icken indikazzjoni li seta' kien hemm cans biex terga' tinbena relazzjoni bejn il-konvenut u uliedu, kienet tordna li jsir programm ta' terapija, izda n-nuqqas ta' interess da parti tal-konvenut minn dejjem kien jezisti. Qatt ma kien hemm ghall-uliedu, ghall-kuntrarju tal-attrici li dejjem ghamlet hilitha biex trabbi l-familja. Aktar minn hekk illum jinstab l-Egittu.

Fic-cirkostanzi u fl-ahjar interess tal-minuri, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata eskluzzivament lill-attrici.

**MANTENIMENT**

Il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €450 ghat-tlett minuri, izda madanakollu qatt ma hallas. Oltre minn hekk, wara li gie qieghed minhabba li kellu incident li wassal ghall-problemi ta' vizta l-Qorti kienet irrevokat id-digriet ta' manteniment.

Il-konvenut ma pprezentax ruhu ghall-bqija tal-kawza u lanqas ma pproduca provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li m'ghandux il-mezzi sabiex ihallas manteniment ghall-uliedu. Tenut kont tac-cirkostanzi li l-

konvenut kellu incident u fin-nuqqas ta' provi konkreti tordna li l-konvenut ihallas manteniment fis-somma ta' €200 fix-xahar ghall-uliedu u dan sakemm jahdmu, jew jaghlqu tmintax-il sena jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk jibqghu jistudjaw full-time. Ghandu jhallas ukoll ghan-nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attrici ghandha tindika kont bankarju fejn jista' jsir tali hlas permezz ta' swift transfer gialadarba l-konvenut jinstab l-Egittu.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Mill-provi ma jirrizultax li hemm konsistenza fil-komunjoni, ghajr ghad-dar matrimonjali fejn ighix il-konvenut u cioe' Flat 4, Numru 834, St. Joseph High Road, Hamrun, fuq liema post hemm loan li qed ihallas il-konvenut.

Skond digriet datat 4 ta' Gunju, 2019, il-Qorti ordnat li l-attrici tista' tidhol tirrisjedi fid-dar matrimonjali, flimkien mal-minuri.

Il-kuntratt ta' akkwist tal-fond sar fl-24 ta' Lulju, 2013 fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Licari.[13]

Il-partijiet kienu zzewwgu l-Egittu u rregistraw iz-zwieg hawn Malta fl-10 ta' Frar, 2013 u ghalhekk qabel ma sar il-kuntratt tal-fond appartment numru 4, Blokk 834, St. Joseph High Road, Hamrun.

[13] Ara Dok. C a fol. 290 tal-process

L-attrici tistqarr li kienet akkumpanjat lill-konvenut meta mar biex jiffirma l-kuntratt, izda dak iz-zmien ma kinitx ilha hawn Malta u lanqas kienet tifhem il-lingwa u ghaldaqstant lanqas setghet tifhem x'kien qed jigri. Oltre minn hekk jirrizulta mill-istess kuntratt li l-konvenut ddikjara li huwa ddivorzjat skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 22 ta' Novembru, 2012, [14] haga ta' barra minn hawn meta effettivament, qatt ma seta' kien il-kaz peress li l-kontendenti kienu ghandhom kemm izzewwgu fi Frar, 2013 u apparti minn hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, zgur mhux il-Qorti kompetenti li tippronunzja ruhha fuq id-divorzji !!

Ghaldaqstant, huwa evidenti li l-konvenut tqarraq bl-attrici li kienet hawn Malta u kien qed imexxi kollox minn wara darha u zgur ried li jcahhadha minn dina d-dar, probabilment gia konsapevoli li l-akkwist kien ser jaqa' taht il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk ikun gust u d-decizjoni tal-Qorti timmerita konferma fis-sens li d-dar konjugali ghandha tigi assenjata lill-attrici, b'dana li kwalsiasi dejn ezistenti fuq l-istess post ghandu jigu assenjat lill-konvenut.

Dwar assi ohra, l-attrici ma kinitx f'posizzjoni li taghti iktar informazzjoni u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fuq provi fjakki ghall-ahhar.

**DECIDE**

[14] Ara kuntratt a fol. 290

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici skond kif gie deciz fis-subinciz « Manteniment. » L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici in parte in kwantu l-ispejjes ta’ edukazzjoni u sahha ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici skond dak pprionunzjat fis-subinciz « Komunjoni tal-Akkwisti. »

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici,

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-talba stante li ma jirrizultax li kien hemm beni parafernali.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici jekk ikun il-kaz.

9. Tichad id-disa’ talba attrici stante li ma hemmx il-htiega li jinhatar l-espert.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**